**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Jannar, 2016

Rikors Guramentat numru : 485/2015 AL

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fl-ghaxra (10) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat taz-zwieg, hawn annessa, esebita u mmarkat bhala Dok. APA1, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.
2. Illi l-kontendenti nfirdu minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in Atti Nutar Dottor Timothy Ellis datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011), kif jidher

minn kopja tal-kuntratt hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. APA2.

3. Illi kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta' separazzjoni, il-kontendenti irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jitolbu/jircievu manteniment minghand xulxin.
4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
5. Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-kontendenti huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.
6. Illi l-esponenti qed tikkonferma dan kollu bil-gurament taghha permezz ta' affidavit, li jinsab hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. APA3.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja x-xoljiment taz-zwieg ezistenti bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, entro terminu determinat minn din l-istess Qorti, javza lid- Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-rikors ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti ;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti ;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Novembru, 2015 ;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx u ma pprezentax risposta ;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Ottubru 2011 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ppruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-intimat;

Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa` t-talbiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;